Nru./No. 18,937
Prezz/Price
€2.88

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 28 ta' Ġunju, 2012
Thursday, 28th June, 2012

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 8703 - 8707
Government Notices ..... *8703 - 8707*

Avviżi tal-Pulizija ..... 8708 - 8710
Police Notices ..... *8708 - 8710*

Avviżi lill-Baħħara ..... 8710 - 8712
Notices to Mariners ..... *8710 - 8712*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 8712 - 8717
Employment Opportunities ..... *8712 - 8717*

Avviżi tal-Gvern ..... 8717 - 8724
Notices ..... *8717 - 8724*

Offerti ..... 8725 - 8750
Tenders ..... *8725 - 8750*

Avviżi tal-Qorti ..... 8750 - 8762
Court Notices ..... *8750 - 8762*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 694

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. IX tal-2012 imsejjaħ Att tal-2012 li jemenda l-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa.

It-28 ta' Ġunju, 2012

Nru. 695

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 113 imsejjaħ Att tal-2011 dwar is-Saħħa Mentali.

It-28 ta' Ġunju, 2012

Nru. 696

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Giovanna Debono, B.A. (Educ), M.P., Ministru għal Għawdex, tassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, b'seħħ minn nhar il-Ħamis, it-28 ta' Ġunju 2012, u l-Ġimgħa, 29 ta' Ġunju 2012 matul l-assenza tal-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P. Barra dan l-Onor. Chris Said, LL.D., M.A., M.P., Ministru għall-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Ministru tal-Intern b'seħħ minn nhar il-Ħamis, it-28 ta' Ġunju, 2012 u l-Ġimgħa, id-29 ta' Ġunju 2012 matul l-assenza tal-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

Is-27 ta' Ġunju, 2012
(OPM11/2012)

GOVERNMENT NOTICES

No. 694

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. IX of 2012 entitled the Equality for Men and Women (Amendment) Act, 2012.

28th June, 2012

No. 695

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 113 entitled the Mental Health Act, 2011.

28th June, 2012

No. 696

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Giovanna Debono, B.A.(Educ), M.P., Minister for Gozo, assumes the additional duties of the Prime Minister, with effect from Thursday, 28th June 2012 and Friday, 29th June 2012 during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M, LL.D., M.P. Furthermore the Hon. Chris Said, LL.D., M.A., M.P., Minister for Justice, Dialogue and the Family, assumes the additional duties of the Ministry for Home Affairs with effect from Thursday, 28th June 2012 and Friday, 29th June 2012 during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M, LL.D., M.P.

27th June, 2012

Nru. 697

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAL-ADOZZJONI (KAP. 495)

Bord għall-Adozzjoni

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni (Kap. 495), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja ħatar il-Bord għall-Adozzjoni, għal perjodu ta' sentejn mill-21 ta' Ġunju 2012 sal-20 ta' Ġunju 2014, kif ġej:

Chairperson
Dott. Natasha Galea Sciberras, B.A., LL.D.

Membri
Is-Sur Raymond Dimech, M.Sc. (Leicester), P.G.C.S. W.Mgt., Acc.T.S.W. Educ., Dip.Appl. Soc.Stud.(S.W.), A.L.C.M.
Is-Sinj. Cher Engerer, B.Psy. (Hons.), M.Sc. (Dublin)
Dott. Anne Marie Mangion, LL.D.
Is-Sur David Schembri, B.A. (Hons.) Soc.Wrk.
Is-Sinj. Jo Christine Scicluna, B.A. (Hons.) Psych., P.G.L.E., M.P.S.Y.
Is-Sur Joseph Xerri

Segretarja
Is-Sinj. Nadya Hansen, Dip.Soc.Stud. (Gender & Development)

It-28 ta' Ġunju, 2012

No. 697

ADOPTION ADMINISTRATION ACT, (CAP. 495)

Adoption Board

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by article 3 of the Adoption Administration Act and for the purpose of that Act, the Minister for Justice, Dialogue and the Family has appointed the Adoption Board, for a period of two years from the 21st June 2012 to the 20th June 2014, as follows:

Chairperson
Dr Natasha Galea Sciberras, B.A., LL.D.

Members
Mr Raymond Dimech, M.Sc. (Leicester), P.G.C.S. W.Mgt., Acc.T.S.W. Educ., Dip.Appl. Soc.Stud.(S.W.), A.L.C.M.
Ms Cher Engerer, B.Psy. (Hons.), M.Sc. (Dublin)
Dr Anne Marie Mangion, LL.D.
Mr David Schembri, B.A. (Hons.) Soc.Wrk.
Ms Jo Christine Scicluna, B.A. (Hons.) Psych., P.G.L.E., M.P.S.Y.
Mr Joseph Xerri

Secretary
Ms Nadya Hansen, Dip.Soc.Stud. (Gender & Development)

28th June, 2012

Nru. 698

ĦATRA TA' AĠENT NUTAR PRINĊIPALI TAL-ĠVERN

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħar u l-Konsumatur approva l-ħatra temporanja li ġejja:-

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Not. Dr Paul Callus	Aġent Nutar Prinċipali tal-Gvern *Acting Chief Notary to Government*	Nutar tal-Gvern *Notary to Government*	1.7.12 - 31.8.12

It-28 ta' Ġunju, 2012

No. 698

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF NOTARY TO GOVERNMENT

THE Permanent Secretary in the Ministry for Fair Competition, Small Business and Consumers has approved the following acting appointment:-

28th June, 2012

Nru. 699

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DIPARTIMENT TAT-TAXXI INTERNI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Randolph Aquilina	Direttur Ġenerali *Director General*	Taxxi Interni *Inland Revenue*	16–23.7.2012

It-28 ta' Ġunju, 2012

No. 699

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (DEPARTMENT OF INLAND REVENUE)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Finance, the Economy and Investment has approved the following acting appointment:–

28th June, 2012

Nru. 700

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR *(STANDARDS* GĦALL-ĦARSIEN SOĊJALI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Ms Francesca Muscat Camilleri	Direttur *Director*	*Standards* għall-Ħarsien Soċjali *Social Welfare Standards*	6–16.7.2012

It-28 ta' Ġunju, 2012

No. 700

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (SOCIAL WELFARE STANDARDS)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice, Dialogue and the Family has approved the following acting appointment:–

28th June, 2012

Nru. 701

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artikolu 82 tal-Att tal-2010 dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tgħarraf illi b'riferenza għall-pjanta annessa man-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 683 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,935 tat-22 ta' Ġunju, 2012, qiegħda b'din tissostitwixxi l-imsemmija pjanta b'dik fil-paġna 8706.

It-28 ta' Ġunju, 2012


No. 701

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Article 82 of the Environment and Development Planning Act 2010

THE Malta Environment and Planning Authority notifies that with reference to the plan annexed to Government Notice No. 683 published in Government Gazette No. 18,935 of the 22nd June, 2012, it is hereby replacing the mentioned map with the one on page 8706.

28th June, 2012


St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:21240976 Fax:21224846
MEPA
MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY
(c) Copyright MEPA
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E457483, N3972237
Max E458409, N3973070
Title :-
Emergency Conservation Order
Il-Bajja tal-Ġnejna
Ġnejna Bay
Key :-
Emergency Conservation Area
Ta' Żammite
Il-Bajja tal-Ġnejna
0
50
100
metres

Nru. 702

KORPORAZZJONI TAX-XOGĦOL U T-TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI tax-Xogħol u t-Taħriġ b'din tgħarraf illi skont is-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 40 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343), qed taħtar lil Dott. Rita Micallef bħala *Chairperson* biex tara l-kompetenzi dwar *Child Care Workers (Child Care Centres)*, għal perjodu ta' sentejn li jista' jiġġedded.

It-28 ta' Ġunju, 2012

No. 702

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Members

IN terms of sub-article (1) of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343), the Employment and Training Corporation is hereby nominating Dr Rita Micallef as Chairperson of the Trade Testing Board to assess the competencies relating to Child Care Workers (Child Care Centres), for a period of two years that can be renewed.

28th June, 2012

Nru. 703

KORPORAZZJONI TAX-XOGĦOL U T-TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membru tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI tax-Xogħol u t-Taħriġ b'din tgħarraf illi skont is-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 40 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343), qed taħtar lil Inġ. John Caruana bħala Membru Tekniku tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' biex jara l-kompetenzi dwar Inġinerija Elettrika u Elettronika, għal perjodu ta' sentejn li jista' jiġġedded.

It-28 ta' Ġunju, 2012

No. 703

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Member

IN terms of sub-article (1) of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343), the Employment and Training Corporation is hereby nominating Eng. John Caruana as Technical Member of the Trade Testing Board to assess the competencies relating to Electrical and Electronics Engineering, for a period of two years that can be renewed.

28th June, 2012

Nru. 704

KORPORAZZJONI TAX-XOGĦOL U T-TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membru tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI tax-Xogħol u t-Taħriġ b'din tgħarraf illi skont is-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 40 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343), qed taħtar lil Inġ. Patrick Pace bħala Membru Tekniku tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' biex jara l-kompetenzi dwar Inġinerija Elettronika Industrijali, għal perjodu ta' sentejn li jista' jiġġedded.

It-28 ta' Ġunju, 2012

No. 704

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Member

IN terms of sub-article (1) of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343), the Employment and Training Corporation is hereby nominating Eng. Patrick Pace as Technical Member of the Trade Testing Board to assess the competencies relating to Industrial Electronics, for a period of two years that can be renewed.

28th June, 2012

Nru. 705

REGOLAMENTI TAL-ĦADDIEMA TAL-PORT
(L.S. 171.02)

Numru ta' Ħaddiema tal-Port

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont ir-Regolament 12 tar-Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port, (L.S. 171.02), il-Bord dwar il-Ħaddiema tal-Port stabbilixxa illi n-numru ta' ħaddiema tal-port irreġistrati għandu jkun tliet mija u tmenin (380) mill-1 ta' Lulju 2012.

Is-27 ta' Ġunju, 2012

No. 705

PORT WORKERS REGULATIONS
(S.L. 171.02)

Complement of Port Workers

IT is hereby notified for general information that in terms of Regulation 12 of the Port Workers Regulations (S.L. 171.02), the Port Workers Board has established that the complement of registered port workers shall be three hundred and eighty (380) as from the 1st July 2012.

27th June, 2012

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 69

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Gżira

Nhar it-Tnejn it-2 ta' Lulju, 2012 mis-6.00 p.m. sa nofsillejl mix-Xatt sa quddiem il-Każin tal-Banda Mt Carmel.

Nhar il-Ħamis il-5 ta' Lulju, 2012 mis-6.00 p.m. sa nofsillejl minn Ix-Xatt sa quddiem il-Każin tal-Banda Mt Carmel.

Nhar il-Ġimgħa s-6 ta' Lulju, 2012 mis-6.00 p.m. sa nofsillejl mix-Xatt sa quddiem il-Każin tal-banda Mt Carmel u ħdejn il-pont ta' Manoel Island sa ħdejn Duck Village.

Nhar is-Sibt is-7 ta' Lulju, 2012 mill-4.00 p.m. sa nofsillejl minn Ix-Xatt miż-żewġ naħat u ħdejn il-pont ta' Manoel Island. It-Trasport pubbliku se jiġi effettwat.

Nhar is-Sibt is-7 ta' Lulju, 2012 mis-7.00 p.m. sal-10.30 p.m. minn Triq Manoel de Vilhena.

Nhar il-Ħadd it-8 ta' Lulju, 2012 mis-7.00 p.m. sal-10.30 p.m. minn Triq Manoel de Vilhena.

Nhar il-Ħadd it-8 ta' Lulju, 2012 mit-3.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Triq Manoel, Triq Carlo Manchè, Triq Ponsonby, Triq il-Flotta, Triq Ġanni Bencini, Triq San Albert, Triq Parisio u x-Xatt. It-trasport pubbliku se jiġi effettwat.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

It-28 ta' Ġunju, 2012

POLICE NOTICE

No. 69

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Gżira

On Monday 2nd July, 2012 from 6.00 p.m. to midnight through The Strand in front of Mt Carmel Band Club.

On Thursday 5th July, 2012 from 6.00 p.m. to midnight through The Strand in front of Mt Carmel Band Club.

On Friday 6th July, 2012 from 6.00 p.m. to midnight through The Strand in front of Mt Carmel Band Club, and near Manoel Island Bridge up to Duck Village.

On Saturday 7th July, 2012 from 4.00 p.m. to midnight through The Strand both sides and infront of Mt Carmel Band Club and near Manoel Island Bridge. Public transport will be effected.

On Saturday 7th July, 2012 from 7.00 p.m. to 10.30 p.m. through Triq Manoel de Vilhena

On Sunday 8th July, 2012 from 7.00 p.m. to 10.30 p.m. to through Triq Manoel de Vilhena.

On Sunday 8th July, 2012 from 3.00 p.m. to midnight through the following streets: Triq Manoel, Triq Carlo Manchè, Triq Ponsonby, Triq il-Flotta, Triq Ġanni Bencini, Triq San Albert, Triq Parisio and The Strand. Public transport will be effected.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

28th July, 2012

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 70

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żurrieq

Nhar is-Sibt, l-14 ta' Lulju, 2012 bejn il-5.00 p.m. u l-11.30 p.m. minn Pjazza Santa Marija, Bubaqra.

Vetturi li jinsabu pparkjati fit-triq imsemmija hawn fuq huma suġġett li jiġu rmunkati.

Birkirkara

Nhar l-Erbgħa, it-18 ta' Lulju, 2012 mis-7.30 p.m. sad-9.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Tumas Fenech, Għar il-Ġobon, San Ġiljan, Santu Rokku, Pjazza Sant'Elena, il-Kbira u l-Wied sa quddiem il-Każin tal Banda Duke of Connaught.

Ħal Qormi

Nhar it-Tnejn, id-9 ta' Lulju, 2012 mit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Bastjan, San Bartolemew, l-Imdina, Antonio Muscat Fenech, San Edwardu, iż-Żinżel, San Benedittu, il-Kbira, Correa, il-Kunċizzjoni u l-Iljun.

Nhar it-Tlieta, l-10 ta' Lulju, 2012 mit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: l-Aħwa Zammit, Mikiel Anton Vassalli, il-Kanun, K. Debono, Bajjada, Valletta, Pawlu Farrugia, Correa, il-Ħabbież, il-Ġunġlien, Amleto Spiteri, it-Tensila, Ġużeppi Ciappara, il-Kbira u San Bastjan.

Nhar l-Erbgħa, il-11 ta' Lulju, 2012 mit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Ħal Luqa, l-Imdina, Ġużé Duca, Santa Katerina, il-Ġdida, San Edwardu, id-Drama, l-Għana, il-Vitorja, San Bastjan, San Bartolemew u l-Iljun.

Nhar il-Ħamis, it-12 ta' Lulju, 2012 mit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Bastjan, San Bartolemew u l-Iljun.

Nhar il-Ġimgħa, it-13 ta' Lulju, 2012 mit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Bastjan, l-Armier, Spiteri Freemond, il-Ġnien, Fontanier, Pjazza Narbona, Vjal De la Cruz, is-Sienja, l-20 ta' Jannar, Ġorġ Borg, Santa Marija, San Benedittu, San Ġużepp, il-Kunċizzjoni, Correa, Mifsud Ellul, il-Kbira, l-Iljun u San Bartolemew.

Nhar is-Sibt, l-14 ta' Lulju, 2012 mis-7.00 a.m. minn Pjazza Narbona.

POLICE NOTICE

No. 70

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commisioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Żurrieq

On Saturday, 14th July, 2012 between 5.00 p.m. and 11.30 p.m. through Pjazza Santa Marija, Bubaqra.

Vehicles found parked at the above mentioned street are liable to be towed.

Birkirkara

On Wednesday, 18th July, 2012 from 7.30 p.m. to 9.30 p.m. through the following streets: Tumas Fenech, Għar il-Ġobon, San Ġiljan, Santu Rokku, Pjazza Sant'Elena, il-Kbira and il-Wied up to Duke of Connaught band club.

Ħal Qormi

On Monday, 9th July, 2012 from 8.00 p.m. through the following streets: San Bastjan, San Bartolemew, l-Imdina, Antonio Muscat Fenech, San Edwardu, iż-Żinżel, San Benedittu, il-Kbira, Correa, il-Kunċizzjoni and l-Iljun.

On Tuesday, 10th July, 2012 from 8.00 p.m. through the following streets: l-Aħwa Zammit, Mikiel Anton Vassalli, il-Kanun, K. Debono, Bajjada, Valletta, Pawlu Farrugia, Correa, il-Ħabbież, il-Ġunġlien, Amleto Spiteri, it-Tensila, Ġużeppi Ciappara, il-Kbira and San Bastjan.

On Wednesday, 11th July, 2012 from 8.00 p.m. through the following streets: Ħal Luqa, l-Imdina, Ġużé Duca, Santa Katerina, il-Ġdida, San Edwardu, id-Drama, l-Għana, il-Vitorja, San Bastjan, San Bartolemew and l-Iljun.

On Thursday, 12th July, 2012 from 8.30 p.m. through the following streets: San Bastjan, San Bartolemew and l-Iljun.

On Friday, 13th July, 2012 from 8.00 p.m. through the following streets: San Bastjan, l-Armier, Spiteri Freemond, il-Ġnien, Fontanier, Pjazza Narbona, Vjal De la Cruz, is-Sienja, l-20 ta' Jannar, Ġorġ Borg, Santa Marija, San Benedittu, San Ġużepp, il-Kunċizzjoni, Correa, Mifsud Ellul, il-Kbira, l-Iljun and San Bartolemew.

On Saturday, 14th July, 2012 from 7.00 a.m. through Pjazza Narbona.

Nhar is-Sibt, l-14 ta' Lulju, 2012 mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Ġdida, San Edwardu, San Bartolemew, San Bastjan u l-Iljun.

Nhar il-Ħadd, il-15 ta' Lulju, 2012 mill-10.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: San Bartolemew, il-Vitorja, San Rafel, San Bastjan u l-Kbira.

Nhar il-Ħadd, il-15 ta' Lulju, 2012 mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, San Bastjan, San Bartolemew u l-Iljun.

Vetturi li jinsabu pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq huma soġġett li jiġu rmunkati.

It-28 ta' Ġunju, 2012

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 13 tal-2012

Qsim bil-Kajjikk mir-Ramla tal-Mixquqa, (Malta) sa Linosa, (L-Italja)

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta jgħarraf li l-Kayak for Cancer Group – Malta, qed torganizza avveniment bil-kajjikki li jaqsmu mir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Sands Bay) f'Malta sal-gżira ta' Linosa (L-Italja), bħala għajnuna lill-Malta Community Chest Fund. Min se jieħu sehem se jaqdef *K2 (double) kayak* u se jkunu megħjuna mill-basitment "Nicesca" (Call sign 9H8832, MMSI256000217).

Jekk it-temp jippermetti l-qsim bil-kajjikk se jibda mir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Sands Bay) f'Malta, *Latitude* 35º 56.1' T, *Longitude* 014º 20.6' L l-Erbgħa 10 ta' Lulju 2012 għal xi t-3.00 p.m. u jiġbdu fuq rotta ta' 266º (T). Il-qsima għandu jdum erbgħa u għoxrin (24) siegħa u jiżbarkaw f'Linosa (L-Italja) *Latitude* 35º 52' T, *Longitude* 012º 53' L. F'każ ta' maltemp dakinhar tal-avveniment jippruvaw jaqsmu f'xi gurnata sa għaxart (10) ijiem wara sal-Ġimgħa, l-20 ta' Lulju, 2012.

Il-baħħara li jkunu jaqsmu fil-fliegu bejn Malta - It-Tuneżija u Sqallija/Malta fid-dati msemmija hawn fuq huma mitluba biex joqogħdu attenti għal dawk bil-kajjikk u għas-*support boat* "Nicesca" u għandhom iżommu 'l bogħod minn dawk tal-kajjikk meta jilmħuhom.

Charts affettwati: BA Chart 165, 2124, 4301, 4302

It-28 ta' Ġunju, 2012

On Saturday, 14th July, 2012 from 6.00 p.m. through the following streets: il-Ġdida, San Edwardu, San Bartolemew, San Bastjan and l-Iljun.

On Sunday, 15th July, 2012 from 10.00 a.m. through the following streets: San Bartolemew, il-Vitorja, San Rafel, San Bastjan and il-Kbira.

On Sunday, 15th July, 2012 from 6.00 p.m. through the following streets: il-Kbira, San Bastjan, San Bartolemew and l-Iljun.

Vehicles found parked at the above mentioned streets are liable to be towed.

28th June, 2012

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 13 of 2012

Kayak Crossing from ir-Ramla tal-Mixquqa, (Malta) to Linosa, (Italy)

The Ports and Yachting Directorate notifies mariners that the Kayak for Cancer Group – Malta, is organising a kayak event that consists, in crossing from ir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Sands Bay) in Malta to the Island of Linosa (Italy), in aid of the Malta Community Chest Fund. The participants will paddle one K2 (double) kayaks and will be assisted by the vessel "Nicesca" (Call sign 9H8832, MMSI256000217).

Weather permitting the Kayak Crossing will depart from ir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Sands Bay) in Malta Latitude 35º 56.1' N, Longitude 014º 20.6' E on Wednesday 10 July 2012 at approximately 1500 hours and follow a course of 266º (T) The crossing is expected to last about 24 hours and land at Linosa (Italy) Latitude 35º 52' N, Longitude 012º 53' E. In case of adverse weather conditions on the day an attempt to cross will continue for the following 10 days up to Friday 20 July 2012.

Mariners transiting the Malta - Tunisia and Sicily/Malta channel on the above mentioned dates are requested to keep a sharp lookout for the Kayakers and support Boat "Nicesca". They are to give a wide berth to the Kayakers when sighted.

Charts affected: BA Chart 165, 2124, 4301, 4302

28th June, 2012

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 40 tal-2012

Big Game Fishing Tournament

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta jgħarraf lill-baħħara li l-Federation for Recreational Fishermen u l-Malta Fishing Forum se jorganizzaw Big Game Fishing Tournament għall-karità nhar il-Ħadd, 8 ta' Lulju, 2012. F'dan l-avveniment se jieħdu sehem madwar 67 bastiment.

Il-Ħadd, 8 ta' Lulju, 2012

Mis-2.00 a.m. 'l quddiem, il-partiċipanti jibdew jaslu u jingħemgħu 'l hinn mill-Moll tal-Bajja ta' San Ġorġ, Birżebbuġa.

Support boats se jaslu l-Moll tal-Bajja ta' San Ġorġ, Birżebbuġa. Dan il-moll se jintuża matul l-avveniment. Xi *support boats* se jirmiġġaw qrib ħafna danil-moll.

Fit-3.00 a.m. il-bastimenti li se jieħdu sehem se jkunu spezzjonati mill-uffiċjali tat-*Tournament*.

Wara li titlesta l-ispezzjoni għall-ħabta tal-5.00 a.m., il-bastimenti jitilqu fi gruppi għall-post fejn għandhom jistadu.

Minħabba dan ta' hawn fuq, il-Moll tal-Bajja ta' San Ġorġ, Birżebbuġa, għandu jitħalla vojt sabiex jakkomoda s-*support boats* u l-bastimenti li jkunu jieħdu sehem f'dan l-avveniment mis-Sibt filgħaxija, is-7 ta' Lulju, 2012 sal-Ħadd, it-8 ta' Lulju, 2012.

Is-sidien tal-inġenji kollha tal-baħar li mhux se jkunu involuti direttament f'din il-kompetizzjoni huma mitluba biex iżommu 'l bogħod mill-inħaw msemmija u jobdu l-ordnijiet li jistgħu jingħataw mis-*safety craft* tal-organizzaturi tal-kompetizzjoni u mill-Marsaxlokk Port Control (VTS).

Charts affewati: BA 36, 2538

It-28 ta' Ġunju, 2012

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 40 of 2012

Big Game Fishing Tournament

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that the Federation for Recreational Fishermen and The Malta Fishing Forum will be holding a Big Game Fishing Tournament in aid of Charity on Sunday, 8th July 2012. About 67 vessels will be participating in this event.

Sunday 8th July 2012

From 2.00 a.m. onwards, participants will start to arrive and muster off St. Georges Bay Jetty, Birzebbugia.

Support boats will arrive at the St. Georges Bay Jetty, Birzebbugia. This jetty will be used throughout the event. Some Support Boats will moor in the close proximity of this jetty.

At 3.00 a.m. the participating vessels will be inspected by the Tournament officials.

Upon completion of inspection by 5.00 a.m. vessels in groups will depart for the offshore fishing grounds.

In view of the above the St. Georges Bay Jetty, Birzebbugia, must be clear of all craft in order to accommodate the support boats and competing vessels of this event from Saturday evening 7th July 2012 until Sunday 8th July 2012.

Masters of all craft not directly involved in this competition are asked to keep clear of the indicated areas, and observe any instructions that may be given by the Competition Organisers safety craft and by Marsaxlokk Port Control (VTS).

Charts effected: BA 36, 2538

28th June, 2012

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 41 tal-2012

Logħob tan-Nar minn Manoel Island fid-Daħla ta' Tas-Sliema, Il-Port ta' Marsaxlokk

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta jgħarraf lill-baħħara li se jsir logħob tan-nar minn max-xatt

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 41 of 2012

Fireworks Display from Manoel Island in Sliema Creek, Marsamxett Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that fireworks will be let off from the

ta' Manoel Island fid-Daħla ta' Tas-Sliema, fiċ-ċentru fil-pożizzjoni:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35º 54'.319	14º 30'.321

Din pożizzjoni tinsab fuq il-*website* tat-Transport Malta: (http://www.transport.gov.mt/Page.aspx?pageid=499&lid=1). Il-logħob tan-nar se jsir fid-dati u l-ħinijiet li ġejjin:

Il-Ġimgħa, 6 ta' Lulju 2012	fl-10.30 p.m.
Is-Sibt, 7 ta' Lulju 2012	fis-6.00 p.m., u bejn l-10.00 p.m u l-11.30 p.m.;
Il-Ħadd, 8 ta' Lulju 2012	bejn is-6.45 p.m. u l-10.30 p.m.

Fejn mhux indikat, il-logħob tan-nar se jdum 20 minuta.

Minħabba dan, ngħarrfu lill-baħħara li ħadd ma jkun jista' jbaħħar 'il ġewwa minn 200 bogħod mill-pożizzjoni msemmija fil-Port ta' Marsamxett waqt il-logħob tan-nar. L-inġenji kollha rmiġġati fl-inħawi indikati (kif murija fuq il-mappa msemmija hawn fuq) għnadhom jitneħħew qabel id-dati u l-ħinijiet imsemmi tal-logħob tan-nar.

Il-baħħara għandhom jobdu d-direttivi li joħorġu mill-Valletta VTS(Valletta Port Control), u mill-Pulizija fl-inħawi.

Chart affettwata: BA 177

It-28 ta' Ġunju, 2012

foreshore of Manoel Island in Sliema Creek, centered in position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35º 54'.319	14º 30'.321

This position is shown on the chart on Transport Malta's website: (http://www.transport.gov.mt/Page.aspx?pageid=499&lid=1). The fireworks displays will take place on the following dates and times:

Friday, 6th July 2012	at 10.30 p.m.
Saturday, 7th July 2012	at 6.00 p.m., and between 10.00 p.m and 11.30 p.m.;
Sunday, 8th July 2012	between 6.45 p.m. and 10.30 p.m.

Where not indicated, the duration of the fireworks display will be of 20 minutes.

In view of the above, mariners are informed that navigation within 200 meters from the above position in Marsamxett Harbour will be prohibited during the time of fireworks. All craft moored within the indicated area (as shown on the attached chart) are to be removed on the above-mentioned dates and times of the fireworks displays.

Mariners are to obey directives issued by the Valletta VTS(Valletta Port Control), and by Police in the area.

Chart affected: BA 177

28th June, 201

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Pożizzjoni ta' *Programme Manager (Finance)* fil-*Financial Management Monitoring Unit,* fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Programme Manager (Finance)* fil-*Financial Management Monitoring Unit*, fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment.

2.1 Il-persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *Programme Manager (Finance)* fil-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Position of Programme Manager (Finance) in the Financial Management Monitoring unit within the Ministry of Finance, the Economy and Investment

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the position of Programme Manager (Finance) within the Financial Management Monitoring Unit, Ministry of Finance, the Economy and Investment.

2.1 The selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as Programme Manager (Finance)

Financial Management Monitoring Unit, fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Programme Manager (Finance)* matul il-perjodu tal-*assignment* ikollha l-*assignment* tagħha tterminat.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li għandha grad sostantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sostantiv/*indefinite status* tagħha waqt il-perjodu tal-*assignmen*t u terġa' lura għal dan il-grad sostantiv/*indefinite status* meta l-*assignment* jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li għandha grad sostantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm f'każ li jiġi tterminat l-*assignment*.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li għandha grad sostantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-*assignment* tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Programme Manager (Finance)* u tkun trasferita għad-doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sostantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif provdut bl-*assignment* fis-seħħ.

3.1 Is-salarju għal din il-pożizzjoni jkun ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (€22,515 fis-sena fl-2012). Jekk il-persuna magħżula jkollha *Certified Public Accountant Warrant* tingħata wkoll *allowance* ta' €3,000 fis-sena pagabbli kull erba' ġimgħat. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku pensjonabbli taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), il-pensjoni tat-Teżor/*Gratuity* tagħha tinħadem fuq il-grad sostantiv u skala ta' salarju tagħha.

3.2 Il-persuna magħżula tkun intitolata wkoll għall-*performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku tagħha, suġġett għal xogħol sodisfaċenti.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Programme Manager (Finance)* jinkludu *inter alia*:

(a) il-kontroll mill-viċin u b'mod regolari ta' *financial* u *management accounts*, dħul, infiq, u pjan ta' infiq;

(b) li tipprepara rendikont finanzjarju u ta' negozju, *status reviews* u *assessments, cost-benefit analysis*, rapporti fuq immaniġġar finanzjarju u dokumenti oħra;

(c) il-kontroll mill-viċin u analizzar ta' tibdil mill-miri finanzjarji, estimi u allokazzjonijiet;

in the Financial Management Monitoring Unit, Ministry of Finance, the Economy and Investment which may be renewed for further periods. Unsatisfactory performance as Programme Manager (Finance) during the assignment period will lead to termination of assignment.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade/indefinite status during the assignment period and will return to his/her substantive grade/indefinite status on the termination of the assignment. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, his/her employment with the Ministry of Finance, the Economy and Investment as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of the assignment.

2.3 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service and, during the assignment period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Programme Manager (Finance) and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the assignment in force.

3.1 The salary attached to this position is equivalent to the maximum point of Salary Scale 7 (€22,515 per annum in 2012). If the selected candidate is in possession of a Certified Public Accountant Warrant, he/she will also receive an allowance of €3,000 per annum payable every four weeks. If a selected candidate is a Public Officer pensionable under the Pensions Ordinance (Cap. 93), his/her Treasury Pension/Gratuity shall be calculated on his/her substantive grade and salary scale.

3.2 The selected candidate will also be entitled to a performance bonus of up to a maximum of 10% of his/her basic salary, subject to positive performance.

4. A person in the position of Programme Manager (Finance) will, inter alia, be required to :

(a) monitor closely and regularly financial and management accounts, revenue, spending and expenditure plans;

(b) prepare financial and business statements, status reviews and assessments, cost-benefit analyses, financial management reports and other documents;

(c) monitor adherence and analyse variances from agreed financial targets, estimates and budgetary allocations;

(d) li tagħmel każ u tidentifika possibbiltà ta' tnaqqis fin-nefqa bl-użu ta' numru ta' mekkaniżmi differenti, bħal *audits*, *benchmarking* u għodda moderni oħra;

(e) li tirreġistra kull attività u li tikkompila rapporti/reġistri li jservu bħala bażi biex jittieħdu deċiżjonijiet finanzjarji għaqlija;

(f) li tagħmel kull xogħol ieħor kif imqabbda mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment u d-Direttur Ġenerali, *Budget Affairs*;

(g) li taqdi dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(c) (i) ikollhom *post-graduate degree (Masters)* rikonoxxuta f'Livell 7 tal-MQF fl-*Accountancy,* jew kwalifika oħra rikonoxxuta, xierqa u komparabbli, u sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti;

Jew

(ii) ikollhom *first degree* rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF fl-*Accountancy,* jew kwalifika oħra rikonoxxuta, xierqa u komparabbli, u tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola (GP47) *Service and Leave Record Form*; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji);

(d) rationalise and identify potential savings in expenditure through a variety of mechanisms, such as, reviews, audits, benchmarking and other modern techniques;

(e) record all activities and compile adequate reports/records which should serve as a basis for sound financial management decisions;

(f) carry out any other work as directed by the Permanent Secretary, Ministry of Finance, the Economy and Investment and the Director General, Budget Affairs, Ministry of Finance, the Economy and Investment;

(g) carry out any other duties according to the exigencies of the Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(a) citizens of Malta;

(b) able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) (i) be in possession of a recognised postgraduate degree (Masters) at MQF level 7 in Accountancy, or a recognized, appropriate, comparable qualification, plus one (1) year relevant work experience;

OR

(ii) be in possession of a recognised first degree at MQF level 6 in Accountancy, or a recognized, appropriate, comparable qualification, plus three (3) years relevant work experience;

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(d) of good moral character; (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or another competent authority not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

(e) Tingħata wkoll kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li, minbarra r-rekwiżiti mitluba f'paragrafi 5 (a) sa 5 (d) hawn fuq, ikollhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' min japplika mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati minn min japplika għaliex ma jissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi fotokopji tagħhom iridu jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

7.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista.

7.3 (a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

(b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lid-dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(e) Due consideration will also be given to applicants who, further to the requisites in paragraphs 5 (a) to 5 (d) above, have any proven, relevant work experience.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided that they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Division and copied to the NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

